# Il-Kappella ta' Ħal Muxi - Ħaż-Żebbuġ



kitba ta' **Ruth Gamil**

Bla dubju ta' xejn Marija kellha rwol importanti ħafna fl-Istorja tas-Salvazzjoni tagħna l-bnedmin, Minn fost diversi nisa ta' kull ġens u żmien, Alla għoġbu jagħżel lilha sabiex tkun Omm Ibnu l-Waħdieni. Għaldaqstant it-tlugħ ta' Marija fis-sema bil-ġisem u r-ruħ, lejn il-glorja tal-ġenna dejjem kellu importanza fl-istorja tal-knisja Kattolika Rumana.

Il-15 ta' Awissu, ilu għal bosta snin dedikat lill-Assunzjoni ta' Marija u dan il-jum hu bil-bosta għall-qalb il-Maltin kollha. Xhieda ta' dan huma d-diversi parroċċi ddedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu ferm devot.

Ta' min wieħed isemmi li minn analiżi dettaljata tar-rapporti tal-visti pastorali f'Malta sa tmiem is-seklu 18 joħroġ biċ-ċar li f'Malta kien hawn 92 bejn knejjes u kappelli ddedikati lill-Assunzjoni ta' Marija. Ħafna minn dawn il-knejjes kienu mibnija fis-seklu 17, waqt li oħrajn jidher li kienu mibnija qabel is-sena 1575. Fost dawn insibu l-knisja Medjovali ta' Santa Marija ta' Birkirkara li kienet diġà mogħtija l-istatus ta' Parroċċa fis-sena 1402. Il-Kappella ta' Bir Miftuħ insibu li kienet diġà mniżżla fil-lista tas-sena 1436.

Apparti dawn it-92 knisja, f'dawn ir-rapporti nsibu wkoll li sa tmiem is-seklu 18 kienu diġà jeżistu 28 artal iddedikat lil Madonna taħt dan l-istess titlu. 188 minn dawn it-28 artal kienu diġà mibnija qabel is-17-il seklu. Jidher ċar ukoll li kemm il-knejjes kif ukoll dawn l-artali kienu mifruxin sewwa madwar Malta kollha.



Tant kienet qawwija d-devozzjoni lejn l-Assunta li fil-vista pastorali ta' Mons. Pietro Duzzina fis-sena1575 insibu li Duzzina kien ippropona proposta għall-problema kbira li kienet teżisti dak iż-żmien, jiġifieri li jsir il-quddies kollu fil-knejjes u fuq l-artali nhar il-15 ta' Awissu. Jidher ċar li kien umanament impossibbli li s-saċerdoti li kien hawn dik il-ħabta jlaħħqu dan l-ammont ta' quddies f'jum wieħed. Duzzina kien ippropona li jressaq talba lil Papa sabiex jagħti permezz li f'xi wħud mill-kappelli u artali jkun jista' jsir il-quddies solenni ta' l-Assunta ġurnata qabel il-15 ta' Awissu jew ġurnata wara.

Ma' Malta u Għawdex kollu llum insibu 'il fuq minn 20 kappella li huma dedikati lil Assunta u dan jurina kif il-poplu Malti minn dejjem ħabb dan il-jum għażiż u l-ġrajja għażiża li niċċelebraw fil-15 ta' Awissu. Fost dawn id-diversi kappelli li wkoll saru jagħmlu festa sabiħa lil Assunta nixtieq insemmi waħda minn tnejn li hemm f'raħal twelidi, Ħaż-Żebbuġ. Sewwa sew fil-parti magħrufa bħala Ħal-Muxi nsibu l-kappella ta' Santa Marija imtella' s-sema u l-kommunità tal-madwar tieħu ħsieb li ta' kull sena torganizza festa kompluta fil-ġranet tal-Kwindiċina ta' l-Assunta. Nistqarr magħkom, li qatt ma attendejt għal din il-festa għalkemm dejjem wasluli aħbarijiet kemm qed tikber ta' kull sena. Kull festa ta' Santa Marija matul ħajti, għandi l-pjaċir ngħid li qattajtha magħkom f'dan ir-raħal ċkejken, imma sbejjaħ u mimli storja: il-Qrendi.

Il-Qrendi tani fost l-isbaħ memorji ta' tfuliti peress li kont inqatta' bosta ġranet sħaħ għand l-għeżież nanniet tiegħi Grezzju u Kolina li llum il-ġurnata t-tnejn jinsabu jgawdu lil Alla u lil Marija fis-sema.

Kemm in-nanniet, ommi u kif ukoll iz-zijiet minn dejjem nisslu fija mħabba kbira lejn din il-festa tant qaddisa. Niftakar meta kont nisma' l-quddies man-nannu fil-korsija u kien ikun hemm Santa Marija fuq il-bradella faċċata tagħna, in-nannu mimli ħeġġa u emozzjoni kien jgħidli "Ara Ruth kemm hi sabiħa l-Madonna, aħseb u ara kemm hi ferm isbaħ fis-sema". In-nanna wkoll dejjem ħeġġitni sabiex nibqa' niġi għall-festa regolarment, nitqarben u nattendi l-funzjonijiet ta' matul il-kwindiċina u sabiex dejjem nirrikorri lejn il-Madonna fit-talb tiegħi.

Iżda, daqshekk memorji ta' tfuliti u ngħaddu għat-tagħrif dwar il-kappella ta' Ħal-Muxi billi nagħtu introduzzjoni qasira fuq Ħaż-Żebbuġ.

## Ħaż-Żebbuġ

Ħaż-Żebbuġ huwa raħal kbir u antik ħafna. Dan ir-raħal sar jaf l-oriġini tiegħu minn 3 irħula żgħar, dak ta' Ħal Muxi, Ħal Mula u Ħal Dwin. Fis-sena 1372 ċertu Filippu minn Sqallija mlaqqam ċil-Kataniż' ġie Malta fuq xogħol u wara xi żmien ingħaqad fiż-żwieġ ma' bint in-Nobbli Mamo li kien joqgħod fl-inħawi ta' Ħal Mula. Filippu kellu medda kbira ta' siġar taż-żebbuġ fil-qalba ta' bejn it-tliet irħula żgħar. Jingħad li kien dan Filippu li ħeġġeġ

in-nies ta' dawn l-irhula sabiex tinbena knisja ghall-htiġijiet tar-ruh ta' dawn l-abitanti. Huwa weghdhom l-art kif ukoll anke l-flus ghall-bini. Filippu kellu xewqa wahda, dik li l-knisja tiġi ddedikata lil-protettur tieghu San Filippu ta' Aggira.

F'Haż-Żebbuġ insibu diversi kappelli mxerrdin ma' kull rokna, li fil-maġġoranza, assoluta huma dedikati lil Madonna taht titli differenti. Fost dawn insibu tnejn dedikati lill-Assunzjoni ta' Marija, dik maghrufa bhala Santa Marija ta' Hal-Muxi u l-ohra maghrufa maż-Żebbuġin bhala l-kappella ta' Mamu, kappella li nbniet min-nobbli Mamo. Il-kappella tal-Madonna tal-Hlas, li llum il-ġurnata taghmel mal-parroċċa ta' San Ġorġ Hal Qormi, iżda fl-antik kienet parti minn Haż-Żebbuġ hi wkoll fil-fatt dedikata lill-Assunzjoni ta' Marija.

## Santa Marija ta' Ħal Muxi

Fil-vista pastorali ta' Mons. Pietru Dusina, li kienet saret fi Frar ta' 1575, insibu li din il-knisja dedikata lill-Assunzjoni ta' Marija kienet mibnija fuq medda art maghrufa bhala 'l-ghalqa ta' Nardu' u li responsabbli ghaliha kienet il-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Insibu wkoll li ghalkemm kellha l-bibien, kienet nieqsa mill-mehtieġ l-iehor kollu. Din il-kappella kienet inbniet mill-poplu ta' l-inhawi li kien devot ta' Ommna Marija Santissima u l-poplu kien jiehu hsieb li jaghmel l-ghasar u l-quddies fil-festa. Viċin ta' din il-kappella kien hemm kappella ohra dedikata lil San Nikola ta' Bari, li Mons. Duzina kien ordna li tinghalaq. Jidher li fis-sena 1608 l-iskrittura ta' din il-Knisja tant kienet fi stat hażin li kienet ser tinghalaq, iżda peress li saru diversi xogholijiet fiha, din il-kappella baqghet tiffunzjona b'mod regolari u ma nghalqetx.

Insibu wkoll dokumentat li xi żmien qabel is-sena 1658, ċertu Angelo D'Amato kien ta' ghotja ta' flus sabiex f'din il-kappella jkun jista' jsiru ċelebrazzjonijiet ghas-seba' festi prinċipali marjani. Ftit taż-żmien wara, l-istess Angelo d'Amato kien hallas ghall-artal ġdid f'din il-kappella.

Sas-sena 1723, kienet inbniet il-kappella preżenti minflok dik qadima. Illum il-ġurnata din il-kappella tinsab armata bil-bżonnijiet kollha u jsir quddies fiha ta' kuljum.

Dun Filippu Genevese li kien jiehu hsieb hafna tal-bżonnijiet pastorali f'din il-knisja u li kien miet ghall-habta ta' 1933 kien taha spinta kbira. Kien joqghod hin twil iqarar, speċjalment il-Hadd filghodu u kien jiehu hafna hsieb id-dutrina. Huwa kien ukoll responsabbli sabiex ihejji festa ta' Santa Marija Assunta kif kien jixraq liż-żminijiet.

Il-Kwadru titulari ta' l-artal huwa tal-pittur maghruf Rokku Buhagiar. Il-kwadri laterali, dawk ta' San Pawl u San Antnin huma wkoll ta' l-istess pittur. Din il-kappella ghandha artal helu maghmul kollu tal-ġebel bi xbieha ta' San Ġużepp faċċata mal-mejda ta' l-istess altar.

Din il-kappella fiha wkoll 3 qniepen li huma tad-ditta Taylor u saru fis-snin hamsin mill-flus li nġabru minn nies ta' Hal Muxi.

Mal-ġenb ta' din il-kappella nsibu wiehed mill-iżjed graffiti importanti fil-gejjer Maltin. Graffiti li juri mpinġija b'ċertu dettall xini tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann u li ghandu 'l fuq minn 300 sena. Ghalkemm il-graffiti hu meqjus bhal vandaliżmu, wiehed irid iżomm f'mohhu li l-graffiti ghadda minn fuqhom numru konsiderevoli ta' snin, huma ta' evidenza storika importanti. Mal-kappelli u knejjes Maltin insibu hafna graffiti, iżda fost l-iżjed sinifikanti nsibu dik ta' mal-kappella tal-viżitazzjoni f'Wied Qirda Haż-Żebbuġ, dik tal-kappella ta' San Pawl Milqi fin-Naxxar u din ta' l-Assunta f'Hal Muxi Haż-Żebbuġ.

Fis-sena 1975, il-poplu Żebbuġi, ċċelebra gheluq il-mitejn sena mit-twaqqif ta' din il-kappella. Ghal din l-okkażjoni kien thejja programm intensiv ta' funzjonijiet reliġjużi. Il qofol ta' dawn l-attivitajiet kienet it-Translazzjoni solenni bir-relikwija tal-Madonna mmexxija mill-Arċipriet u l-kleru ta' Ħaż-Żebbuġ. Ghal din l-okkażjoni kienu ġew imżanżna wkoll żewġ statwi fuq iz-zuntier tal-kappella, wahda ta' Santa Marija u l-ohra ta' San Filep. Dawn l-istatwi kienu nhadmu mid-ditta Marco Monte Bello. L-istatwi, mahdumin fil-ġebel kienu ġew imbierka mill-Arċipriet ta' Belt Rohan Mons. Lawrence Cachia nhar il-Hadd 10 ta' Awissu.

Eżempju ta' kemm il-parruċċjani Żebbuġin ihobbu din il-festa huwa l-programm ta' attivitajiet li jhejju ta' kull sena ghall-ġranet tal-kwindiċina u l-festa ta' l-Assunta. Fil-"Lehen is-Sewwa" tal-Hamis 10 ta' Awissu 1967 (40 Sena ilu) insibu dan li ġej bhala programm ghal din il-festa:

## Festa ta` Santa Marija f'Ħal Muxi – Żebbuġ

10 ta' Awissu: Fit-8.00p.m. konferenza bis-slides fuq it-Tlugh tal-Beata Vergni fis-Sema minn membru tal-M.U.S.E.U.M. fuq iz-zuntier tal-knisja.

11 ta' Awissu: Fil-5.30a.m. Quddiesa tan-Novena. Fis-7.30pm. Rużarju, priedka mill-Wisq Rev. Kan. Antonio Gabaretta, D.D., B.A., u Benedizzjoni Sagramentali.

12 ta' Awissu: Fil-5.00 a.m. quddiesa. Fis-7.00 a.m. Quddiesa Kantata mill-Wisq Rev. Kan. Salvinu Bugeja. Wara nofs in-nhar kollox bhall-ġurnata ta` qabel.

13 ta' Awissu: Fil-5.00 a.m. Quddiesa. Fis-7.00 a.m. Quddiesa Kantata. Wara nofs in-nhar kollox bhall-ġurnata ta` qabel.

14 ta' Awissu: Fil-5.00 a.m. Quddiesa bil-priedka. Fis-7.30 Quddiesa kantata min-Novell saċerdot P. Teofilu Xiberras, O.F.M. u Te Deum. Fl-10.00a.m. Quddiesa ghall-benefatturi tal-festa minn Mons. Francesco Saverio Mangion, Fis-7.00 Ghasar solenni, rużarju kantat, benedizzjoni Sagramentali. Jiffunzjona n-novell Saċerdot Dun Karm Attard, B.A., B.D. (Dun Karm Attard iżjed tard kien ukoll Kappillan ghal 25 sena fil-parroċċa tal-Qrendi)

15 ta' Awissu: fl-4.00a.m. Quddiesa letta ghall-Irgiel biss. Fil-5.00 a.m. Quddiesa bil-Fervorin u Tqarbina Ġenerali mill-Wisq Rev. Dun Lawrenz Cachia, Lic.D., Arċipriet ta` Ħaż-Żebbuġ. Fis-6.15a.m. Il-Wisq Rev. Dun Salv Mallia, Viċi-parroku ta' Ħaż-Żebbuġ, johroġ iqarben il-morda ta` Hal Muxi. Quddiesa u tqarbina ġenerali ghat-tfal ta` Hal Muxi. Fl-10.30 a.m. Quddiesa kantata min-Novell Sacerdot Dun Karm Attard, B.A., B.D., bil-paniġierku mir-rev. Kan. Mikiel Anġelo Apap mix-Xaghra Ghawdex. Fis-6.30p.m. Ghasar u priedka minn Mons. Lorenzo Zammit B.A., Lic.D., u Benedizzjoni Sagramentali. Jiffunzjona n-novell soċerdot P. Teofilu Xiberras, O.F.M.

Il-mużika tal-festa kif ukoll tridu jkunu taht it-tmexxija tas-surmast F. Sammut.

Naghlaq dan l-artiklu, billi niringrazja hafna lil Dun Salv Caruana ta' l-ghajnuna tieghu fir-riċerka ghal dan l-artiklu u billi nawgura lil kulhadd il-festa it-tajba.

REFERENZI

In-Nazzjon Taghna, 14 t'Awissu, 1975
Lehen is-sewwa, 10 t'Awissu, 1967
http://www.educ.um.edu.mt 11 ta` Novembru 2006
Descrizione storica della chiese di Malta e Gozo, 1866 Achille Ferres
Marian Devotions In The Islands of Saint Paul (1600 - 1800) – Editor Vincent Borg